# Jinħarġu Avviżi lill-Baħħara biex jiġi mħares għasfur tal-baħar mhedded

## Sħubija ta' BirdLife Malta ma' Transport Malta permezz tal-proġett LIFE Arċipelagu Garnija twassal għal kompromess favur il-ħarsien tal-Garnija

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta ssieħeb ma' Transport Malta biex inaqqas l-impatt tal-attivitajiet marittimi fil-Gżejjer Maltin fuq il-Garnija, għasfur tal-baħar protett. Minbarra l-kofinanzjament ewlieni mill-programm LIFE tal-Unjoni Ewropea, il-proġett mifrux fuq ħames snin – li issa riesaq lejn tmiemu – huwa wkoll kofinanzjat mill-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar.

Permezz ta' dan il-proġett, il-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar appoġġja l-preservazzjoni tal-bijodiversità u s-sigurtà tal-popolazzjonijiet ta' speċi ta' għasafar tal-baħar mhedda li jbejtu fil-Gżejjer Maltin. Se jippromwovi wkoll ir-reviżjoni tal-policies dwar id-dawl fuq barra (outdoor lighting) – b'enfasi aktar qawwija fuq it-tniġġis mid-dawl f'zoni kostali u naturali madwar il-Gżejjer Maltin.

Bis-saħħa ta' riċerka li saret tul il-proġett, tfasslu linji gwida biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tad-dgħajjes f'disa' siti sensittivi li fihom insibu l-kolonji fejn tbejjet il-Garnija (Yelkouan Shearwater) madwar Malta u Għawdex u dawn ġew formalizzati minn BirdLife Malta u Transport Malta biex fl-aħħar jiem inħarġu fil-forma ta' Avviżi lill-Baħħara.

Malta tilqa' 10% tal-popolazzjoni dinjija tal-Garnija; għasfur tal-baħar li jinstab biss fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed. Dawn l-għasafar vulnerabbli jbejtu tul il-kosta Maltija, fi xquq ġewwa l-għerien u fuq irdumijiet u sisien għoljin tul il-perjodu bejn Jannar u Lulju. Minħabba li jkunu attivi biss matul il-lejl u l-frieħ jibqgħu fil-bejtiet moħbijin fil-fond matul il-ġurnata, il-pubbliku ma jindunax bihom meta jżur is-siti. It-tfixkil iseħħ meta dgħajjes kbar jidħlu fl-għerien b'mużika għolja u dwal qawwija. L-istress li dan iġib miegħu jista' jaffettwa r-rata ta' riproduzzjoni ta' din l-ispeċi mhedda.

The LIFE Arċipelagu Garnija Project is an EU funded initiative with partners BLM, TM and the RSPB. The project is 60% financed by the EU LIFE unit, 25% by the Maltese Government, 10% by BLM and 5% by the RSPB.

Wieħed mill-għanijiet tal-proġett LIFE Arċipelagu Garnija kien li jnaqqas it-tfixkil minn attivitajiet tal-baħar lill-Garni tul il-perjodu tal-bejta. Minħabba li t-turiżmu marittimu huwa popolari ħafna u sors ta' dħul għal ħafna familji f'Malta, kien ikkunsidrat ukoll l-impatt soċjo-ekonomiku li dan kien se jkollu fuq l-operaturi tad-dgħajjes kummerċjali.

Sabiex jintlaħaq kompromess, BirdLife Malta u Transport Malta ddiskutew dawn il-linji gwida mal-operaturi tal-bċejjeċ tal-baħar u kkonsultaw ukoll mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. Riżultat ta' dan, illum ġew ippubblikati tliet Avviżi lill-Baħħara ġodda li jkopru total ta' disa' siti:

- L-ewwel Avviż lill-Baħħara jelenka tmien siti sensittivi fejn ibejtu l-Garni u li jżuruhom regolarment id-dgħajjes.
- Avviż lill-Baħħara ieħor jibni fuq l-Avviż lill-Baħħara No 02 tal-2010, li kien inħareġ bħala parti mill-ewwel proġett ta' BirdLife Malta dwar l-għasafar tal-baħar iffinanzjat mill-programm LIFE – l-EU LIFE Yelkouan Shearwater Project – u li, wara aktar riċerka li saret, jintroduċi miżuri addizzjonali għad-disa' sit.
- Avviż lill-Baħħara addizzjonali jħeġġeġ lill-baħħara biex jirrappurtaw każi fejn għasafar tal-baħar jaħbtu fil-bastimenti tagħhom minħabba li jispiċċaw diżorjentati kagun tat-tniġġis mid-dawl.

Id-disa' siti li jkopru dawn l-Avviżi lill-Baħħara huma:

1. **L-Irdum tal-Madonna, l-Aħrax tal-Mellieħa**
2. **L-Għerien ta' Santa Marija, Kemmuna**
3. **Kemmunett**
4. **Il-Gżejjer ta' San Pawl**
5. **Il-Park Naturali tal-Majjistral**
6. **Miġra l-Ferħa**
7. **Blue Grotto, iż-Żurrieq**
8. **Ta' Ċenċ, Għawdex**
9. **Id-Dwejra, Għawdex**

L-Avviżi lill-Baħħara li qed jidħlu fis-seħħ immedjatament se jibqgħu japplikaw tul is-sena kollha u jistgħu jinstabu f'din il-lista (Kostali) u f'din il-lista (Lokali).

The LIFE Arċipelagu Garnija Project is an EU funded initiative with partners BLM, TM and the RSPB. The project is 60% financed by the EU LIFE unit, 25% by the Maltese Government, 10% by BLM and 5% by the RSPB.

Apparti minn dawn, BirdLife Malta qassmet ukoll lill-operaturi tad-dgħajjes kummerċjali sett ta' regolamenti volontarji u tħeġġeġ lill-baħħara kollha biex isegwu dan il-kodiċi u jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tal-Garnija f'Malta, speċi li tinsab taħt theddida, billi jnaqqsu l-impatt tal-attivitajiet tagħhom kemm jista' jkun.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Mehmużin (PDF):**

- Avviż lill-Baħħara (Kostali) Nru 44 tal-2020 (LIFE Arċipelagu Garnija Project – Restrictions areas around Malta)
- Avviż lill-Baħħara (Kostali) Nru 45 tal-2020 (Restricted area between Ponta tal-Aħrax and Daħlet ix-Xilep)
- Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 104 tal-2020 (Studies on light-induced seabird ship strikes in the Maltese waters by BirdLife Malta)
- Il-kodiċi mħejji minn LIFE Arċipelagu Garnija għall-operaturi tad-dgħajjes kummerċjali

**Niżżel il-filmati minn hawn:** https://we.tl/t-7J2CHJA1Ue

- It-tfixkil mid-dgħajjes jista' jaffettwa r-rata ta' riproduzzjoni tal-Garni li jbejjet fl-irdumijiet (Filmati ta' LIFE Arċipelagu Garnija, muntaġġ ta' Katarzyna Pacon)

**Niżżel ir-ritratti minn hawn:** https://we.tl/t-gNAYxX8bqp

1. Frieħ tal-Garnija f'wieħed mis-siti fejn ibejjet dan l-għasfur (Ritratt ta' Paulo Lago)
2. It-tim tal-infurzar ta' Transport Malta – wieħed mill-imsieħba tal-proġett – waqt spezzjoni f'wieħed mis-siti sensittivi fejn ibejtu l-għasafar tal-baħar (Ritratt ta' BirdLife Malta)
3. It-tim tal-proġett waqt ħidma ta' riċerka f'kolonji tal-Garnija (Ritratt ta' BirdLife Malta)


The LIFE Arċipelagu Garnija Project is an EU funded initiative with partners BLM, TM and the RSPB. The project is 60% financed by the EU LIFE unit, 25% by the Maltese Government, 10% by BLM and 5% by the RSPB.